MALTA

# QORTI TAL-MAGISTRATI (MALTA)

## MAGISTRAT DR.
## DENNIS MONTEBELLO

Seduta tat-28 ta' Jannar, 2005

Avviz Numru. 903/2000/1

Avviz Nru 903/00DM

Paul u Brenda konjugi Calleja

Vs

G.L.G. Construction Co. Ltd.

Il-Qorti,

Rat l-avviz permezz ta' liema l-atturi talbu l-kundanna tal-kumpanija konvenuta ghall-hlas tas-somma li tigi likwidata bl-opra ta' periti nominandi bhala kumpens ghall-invazjoni tal-art taghhom li huma ghamlu meta bnew il-hajt divizorju bejn il-proprjeta' taghhom u l-proprjeta' ta' l-atturi, liema nvazjoni hi kkalkolata li ddiminwiet il-proprjeta' ta' l-atturi circa tnejn u hamsin (52) pied kwadru skond relazzjoni tal-Perit Muscat B.Arch A&CE annessa ma' l-Avviz u liema

kompensazzjoni ma teccedix l-elf lira Maltin (Lm1,000) (Dok. A).

Bl-ispejjes u bl-imghaxijiet legali kontra s-socjeta' konvenuta inkluz dawk ta' l-ittra ta' l-24 ta' April, 1999, bil-konvenuti ngunti ghas-subizzjoni.

Rat in-nota ta' l-eccezzjonijiet tal-kumpanija konvenuta permezz ta' liema eccepew illi:

1. L-azzjoni attrici tinsab preskritta bil-preskrizzjoni ai termini ta' l-Artikoli 2153 tal-Kodici Civili;
2. Minghajr pregudizzju ghal fuq espost l-linja divizorja gie stabbilita mill-Perit Anthony Muscat fil-presenza tal-benneja tal-partijiet;
3. L-atturi kienu presenti waqt li kien tiela l-hajt li nbena xi tlett snin u nofs ilu;
4. Minghajr pregudizzju ghal fuq espost l-ammont mitlub mhux dovut u esagerat;
5. Salv eccezzjonijiet ohra.

Rat id-digriet taghha tat-12 ta' Ottubru, 2001, fejn gie nominat bhala perit legali l-A.I.C. Fredrick Doublet;

Rat ir-relazzjoni ta' l-espert tekniku pprezentat u mahluf fil-31 ta' Ottubru, 2003;

Rat ir-rikors tas-socjeta' konvenuta tat-22 ta' Marzu, 2004, fejn talbet lil din il-Qorti tissospendi l-prolazzjoni tas-sentenza stante li hemm possibbilita ta' transazzjoni;

Rat il-verbali tas-seduti tal-15 ta' Dicembru, 2004, u tas-seduta tal-lum fejn l-Avukat tal-kumpanija konvenuta ddikjara li l-kawza giet transatta u ghandha tigi ceduta mill-atturi;

Rat ukoll illi fis-seduta tal-lum deher biss id-difensur tal-konvenuti, u la deheru l-atturi u lanqas id-difensur taghhom;

Rat ukoll it-talba tal-konvenuti biex jigu liberati mill-osservanza tal-gudizzju;

Ghaldaqstant stante n-nuqqas ta' dehera ta' l-atturi kif ukoll id-difensur taghhom, il-Qorti qieghda tillibera lill-konvenuti mill-osservanza tal-gudizzju.

Bl-ispejjes kontra l-atturi.

**< Sentenza Finali >**

--------------------------------TMIEM--------------------------------